

Brussell, 5 ta' Frar 2021
(OR. en)

5292/1/21
REV 1

ACP 7
PTOM 5
FIN 32
PE-L 2

NOTA PUNT "I"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
Suġġett:	Proċedura ta' kwittanza tal-FEŻ: sena finanzjarja 2019 Relazzjonijiet mal-Istati AKP u mal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej - Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill- Kummissjoni fir-rigward tal-amministrazzjoni finanzjarja tat-Tmien, id-Disa', l-Għaxar u l-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (sena finanzjarja 2019) - <i>Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni</i>

1. L-Artikolu 11(7) tal-Ftehim Intern applikabbli għall-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) jiddikjara li l-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tal-Fond għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata kif stabbilit fl-Artikolu 8(3) tal-Ftehim Intern (ara ĠU L 210, 6.8.2013 p.1)¹.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP, fil-preżenza ta' rappreżentant tal-Qorti tal-Awdituri, eżamina r-Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2019, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet tal-Qorti (ara ĠU C 377, 9.11.2020, p. 13).

¹ Dispożizzjoni simili hija inkluża fil-Ftehimiet Interni li jirregolaw it-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar FEŻ.

3. Fi tmiem id-diskussjonijiet tiegħu, fil-livell tiegħu l-Grupp ta' Ħidma qabel dwar il-kummenti fl-Anness I rigward l-eżami tiegħu tar-rapport tal-Qorti u dwar it-test tal-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet għall-kwittanza.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- japprova l-kummenti mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP dwar ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet ifffinanzjati mit-Tmien, mid-Disa', mill-Għaxar u mill-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2019, kif jinsabu fl-Anness I;
 - jikkonferma l-qbil tiegħu mar-rakkomandazzjonijiet dwar il-kwittanza li għandha tingħata mill-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-Tmien, id-Disa', l-Għaxar u l-Ħdax-il FEŻ għas-sena finanzjarja 2019, kif jinsabu fid-dokumenti 5282/21, 5284/21, 5286/21 u 5289/21, iffinalizzati mill-ġuristi-lingwisti;
 - jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430², kif estiż ulterjorment bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/26³, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet fid-dokumenti 5282/21, 5284/21, 5286/21 u 5289/21, u għall-approvazzjoni tal-kummenti tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP, kif jinsabu fl-Anness I għal din in-nota; u
 - jagħmel arranġamenti biex ir-rakkomandazzjonijiet, ladarba jiġu adottati mill-Kunsill, akkumpanjati mill-kummenti fl-Anness I, jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness II għal dak il-għan.

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 tat-23 ta' Marzu 2020 dwar deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 88 I, 24.3.2020, p. 1).

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/26 tat-12 ta' Jannar 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970, (UE) 2020/1253 u (UE) 2020/1659, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 11, 14.01.21, p. 19).

**Kummenti mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
dwar ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri¹
dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-Tmien, mid-Disa', mill-Għaxar u mill-Ħdax-il
Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2019**

1. Il-Grupp ta' Ħidma jilqa' l-fatt li, fl-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-amministrazzjoni finanzjarja tal-FEŻ, stabbilit skont l-Artikolu 39 tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ jippreżenta informazzjoni finanzjarja preċiża dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.
2. Il-Grupp ta' Ħidma jinnota l-konklużjonijiet tal-Qorti li:
 - il-kontijiet tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus kontanti tagħhom u l-bidliet fl-assi netti;
 - l-introjtu tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ma kienx fih żbalji materjali.
3. Il-Grupp ta' Ħidma jinnota li r-Rapport Annwali tal-Qorti dwar l-attivitajiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja 2019 juri li l-livell ta' żball stmat naqas b'mod sinifikanti meta mqabbel mas-snin preċedenti, iżda għadu ma niżilx taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

¹ ĠU C 377, 9.11.2020, p.13.

4. Il-Grupp ta' Ħidma huwa mħasseb li l-pagamenti tal-FEŻ sottostanti għall-kontijiet għas-sena finanzjarja 2019 huma milquta minn livell materjali ta' żball, bl-aktar rata ta' żball probabbli stmata li hija 3,5 %. Huwa jinnota li l-kategoriji ta' żball “infiq mhux imġarrab” u “nuqqas serju ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku” jammontaw għal aktar minn 65 % tal-livell ta' żball stmat u li bħal fis-snin preċedenti, il-Kummissjoni u s-sħab tagħha inkarigati mill-implimentazzjoni wettqu aktar żbalji fit-tranżazzjonijiet relatati mal-istimi tal-programmi, l-għotjiet, il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-OI u l-ftehimiet ta' delega mal-aġenziji ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri tal-UE milli għamlu b'forom oħra ta' appoġġ (38 % ta' dawk it-tranżazzjonijiet eżaminati kien fihom żbalji kwantifikabbli, li jammontaw għal 71.7 % tal-livell ta' żball stmat).
5. Il-Grupp ta' Ħidma jibqa' mħasseb dwar is-sejbiet tal-Qorti li f'għadd ta' każijiet il-Kummissjoni kellha biżżejjed informazzjoni biex tipprevjeni, jew biex taqbad u tikkoreġi l-iżball qabel ma taċċetta n-nefqa, u li kieku l-Kummissjoni użat l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha, setgħet baxxiet il-livell ta' żball stmat b'1.4 punti perċentwali. Il-Grupp ta' Ħidma huwa mħasseb ukoll li l-frekwenza tal-iżbalji tkompli tindika dgħufijiet fil-kontrolli ex ante u fir-rapporti ta' verifikazzjoni tal-infiq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-iżbalji, jenħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lill-verifiki ex ante, u jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri xierqa biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet.
6. Il-Grupp ta' Ħidma jinnota għall-ewwel darba n-nuqqas ta' riżervi dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2019 (RAA). Madankollu huwa mħasseb dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti li dan in-nuqqas mhuwiex ġustifikat, peress li huwa minħabba l-limitazzjonijiet fl-Istudju RER u l-applikazzjoni għall-ewwel darba tar-“regola de minimis” li tintroduċi limitu għar-riżervi finanzjarji, filwaqt li tinnota l-osservazzjoni tal-Kummissjoni li l-Istudju RER huwa biss komponent wieħed tas-sistema ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u li hi għadha tirrapporta dwar ammonti żgħar, anke jekk ma toħroġx riżervi dwarhom.

7. Il-Grupp ta' Ħidma jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni madankollu adottat Pjan ta' Azzjoni biex tindirizza d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tagħha, billi ttrasferiet 8 riżervi tal-passat dwar ir-rata ta' żball u oqsma oħra ta' riskju għoli identifikati mir-Rapport Annwali tal-Attività, kif ukoll kwistjonijiet identifikati mill-Qorti.
8. Il-Grupp ta' Ħidma jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-kwalità tas-sistema ta' kontroll intern tagħha stess, b'mod partikolari bit-tkompliġa tal-implimentazzjoni tat-13-il miżura fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-2018 bil-għan li jiġu indirizzati oqsma ta' riskju għoli, kif ukoll id-9 miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2019 (tmienja riportati mis-snin preċedenti u żieda waħda ġdida, immirati lejn it-titjib tal-metodoloġija u l-manwal għall-Istudju tar-RER), li għandhom jiġu evalwati fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-2020.
9. Il-Grupp ta' Ħidma jirrikonoxxi l-progress sodisfaċenti miksub fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2017 u t-tkompliġa tal-implimentazzjoni ta' dak tal-2018, u ser jistenna r-rapport annwali tal-Qorti tas-sena d-dieħla u l-valutazzjoni tal-progress fih, bl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-2019. Il-Grupp ta' Ħidma jistenna aġġornament mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni fi tmiem l-ewwel nofs tal-2021, inkluż aġġornament dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-2019.
10. Flimkien mas-sejbiet tal-Qorti, il-Grupp ta' Ħidma jilqa' l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni biex tnaqqas il-prefinanzjament antik u l-impenji antiki mhux minfuqa (ir-RAL – reste à liquider), kif ukoll l-għadd ta' kuntratti skaduti. Huwa jinnota b'sodisfazzjon li ntlaħqet il-mira stabbilita għat-tnaqqis ta' kuntratti antiki skaduti u fil-biċċa l-kbira tagħha nqabżet il-mira għaż-żewġ tnaqqis l-oħra.

11. Il-Grupp ta' Ħidma jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni, fl-Istudju tagħha tal-2019 dwar ir-Rata ta' Żbalji Residwi (RER) stmat li r-RER qiegħda taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 % għar-raba' sena wara l-oħra. Madankollu huwa mħasseb dwar is-sejbiet tal-Qorti li l-Istudju tal-2019 dwar ir-RER juri limitazzjonijiet simili għal dawk tal-2018, eż. kontrolli mhux kompluti fuq proċeduri ta' akkwist pubbliku u sejħa għal proposti, ftit kontrolli fuq il-post, inkonsistenzi fil-kalkolu tal-istimi, dipendenza żejda fuq ħidma ta' kontroll preċedenti, li kkontribwixxew għas-sottovalutazzjoni tar-RER. Il-Grupp ta' Ħidma għandu l-istess fehma tal-Qorti illi hemm lok għal titjib tal-livell ta' konsistenza u assigurazzjoni permezz ta' metodoloġija u manwal imtejba tar-RER, filwaqt li jinnota r-rimarka tal-Kummissjoni dwar l-ambitu u l-fini tal-Istudju.
12. Il-Grupp ta' Ħidma jinnota b'sodisfazzjon is-sejba ta' rieżami ta' segwitu tal-Qorti li l-ħames rakkomandazzjonijiet mill-2016 għall-FEŻ ġew implimentati bis-sħiħ mill-Kummissjoni, u jieħu nota taż-żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni bbażati fuq dan ir-rieżami u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħha għall-2019.
13. Bi qbil mal-Qorti, il-Grupp ta' Ħidma jirrikonoxxi li jenħtieġ li jsir titjib f'ċerti oqsma importanti, u jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri lill-Kummissjoni 1) biex jittejbu l-metodoloġija u l-manwal tal-istudju dwar ir-RER sabiex dawn jagħtu gwida aktar komprensiva dwar il-kwistjonijiet identifikati fir-rapport (li l-Kummissjoni aċċettat), kif ukoll 2) biex jinħarġu riżervi għall-oqsma kollha li nstabu li għandhom livell għoli ta' riskju, irrispettivament mis-sehem tagħhom tan-nefqa totali u l-impatt finanzjarju tagħhom (li l-Kummissjoni ma aċċettatx). Filwaqt li jinnota l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li saru fl-2019, il-Grupp ta' Ħidma jieħu nota wkoll tat-tweġibiet mogħtija mill-Kummissjoni.
14. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-aspetti ta' prestazzjoni tat-tranżazzjonijiet magħżula, li sabet każijiet fejn il-punti ntużaw b'mod effikaċi u kkontribwew għall-kisba tal-oġettivi tal-proġett, iżda wkoll każijiet fejn il-punti ma kinux qed jintużaw kif ippjanat u li l-effiċjenza u l-effikaċja tal-azzjoni kienu kompromessi.

ABBOZZ TA' ITTRA

Lil: President tal-Parlament Ewropew

Minn: President tal-Kunsill

Sinjur,

Qed nibgħatlek separatament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet taħt it-tmien⁵, id-disa'⁶, l-ghaxar⁷ u l-ħdax-il⁸ Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2019, flimkien mal-kummenti tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP⁹ dwar ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-Tmien, id-Disa', l-Għaxar u l-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2019.

[Formula ta' għeluq].

⁵ Id-Dokument 5282/21 ACP 3 PTOM 1 FIN 28.

⁶ Id-Dokument 5284/21 ACP 4 PTOM 2 FIN 29.

⁷ Id-Dokument 5286/21 ACP 5 PTOM 3 FIN 30.

⁸ Id-Dokument 5289/21 ACP 6 PTOM 4 FIN 31.

⁹ Id-Dokument 5292/1/21 REV 1 ACP 7 PTOM 5 FIN 32 PE-L 2.